# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 16**

**Rikors numru 200/17/1 AF**

**Avv. James D'Agostino**

**v.**

**Registratur, Qrati Civili u Tribunali**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-att tar-rikors li pprezenta l-attur fis-6 ta' Marzu, 2017, li jaqra hekk:

> "1. Illi dan ir-rikors qieghed isir a tenur ta' l-Artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> 2. Illi l-esponenti kien partecipi fil-kawza fl-ismijiet **Banif Bank (Malta) plc vs Cassar & Schembri (Marketing) Ltd et [Cit. 78/15JRM],** deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru 2016, bhala avukat patrocinanti s-socjetajiet konvenuti More

Supermarkets (Hamrun) Ltd, More Supermarkets (Mosta) Ltd, More Supermarkets (Fgura Ltd) u More Supermakers (P'Ville) Ltd;

3. Illi l-partecipazzjoni attiva ta' l-esponenti f'din il-kawza tirrizulota mill-varji verbali ta' din il-kawza;

4. Illi l-esponenti ippartecipa wkoll fit-trattazzjoni finali tal-kawza;

5. Illi wara li s-Sentenza ta' din il-kawza ghaddiet in gudikat, l-esponenti talab il-hrug tat-taxxa ufficjali sabiex ikun jista' jigbor id-dritt professjonali dovut lilu minn meta kellu jhallas l-ispejjez tal-kawza;

6. Illi kien fis-6 ta' Frar 2017 illi inharget it-taxxa ufficjali taht il-firma tad-Deputat Registratur Melissa Galea, izda filwaqt illi drittijiet professjonali ta' l-avukat jew intaxxati ghall-attur, u l-kuratu Avukat Noel Bartolo, id-dritt professjonali ta' l-esponenti gie intaxxa bhala €0;

7. Illi l-esponenti lmenta dwar dan ma' l-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali sabiex id-dritt professjonali tieghu jigi intaxxat bhala ta' l-avukati l-ohra, izda filwaqt illi l-intimat wera li fehem l-ilment ta' l-esponenti, argumenta li ghax il-klijenti ta' l-esponenti baqghu kontumaci, allura l-avukat sottoskritt ma jkun haqqu ebda dritt professjonali mat-taxxa nonostante l-fatt li baqa' jidher, isegwi u jittratta f'din il-kawza;

8. Illi l-esponenti jissottometti bir-rispett illi dan ma johrog minn imkien mil-Ligi, u l-Artikolu 13 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma tiddiskriminax bejn avukat ta' parti li pprezenta Risposta Mahlufa, u avukat ta' parti li baqghet kontumaci;

9. Illi l-esponenti jhoss illi ma hux gost illi avukat li jkun ippartecipa b'mod attiv f'kawza jibqa' minghajr dritt professjonali intaxxat, u li jigi ttrattat bl-istess mod bhal f'kaz ta' parti li lanqas biss indenjat ruhha ssegwi l-andament tal-kawza;

10. Illi l-esponenti jhossu aggravat minn din is-sitwazzjoni u sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu, anke minhabba t-terminu qasir impost mil-Ligi, kien kostrett jintavola dan ir-rikors;

11. Illi l-esponenti jippretendi li t-taxxa ufficjali tikkontjeni l-istess ammont intaxxat bhala dritt avukat bhal ma sar ghall-avukati l-ohra li involvew ruhhom fil-kaz;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, thassar it-taxxa mahruga fis-6 ta' Frar 2017 u tordna lill-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali biex jerga' johrog taxxa ufficjali mill-gdid fejn id-dritt professjonali ta' l-esponenti, bhala dritt Avukat taht il-kolonna 'More Supermarkets' jigi intaxxat b'mod indaqs u bl-istess valur tad-dritt ta' l-Avukat ta' l-attur u l-konvenut Kuratur Dr. Noel Bartolo."

2. Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa:

"1. Illi din hija kawza ta' ritassa ai termini tal-Art. 64 tal-Kap. 12 maghmula mill-attur in konnessjoni mat-taxxa mahruga fil-kawza fl-ismijiet **Banif Bank (Malta) plc vs Cassar & Schembri (Marketing) Ltd et** (Rik. Gur. 78/2015 JRM) deciza fl-20 ta' Ottubru 2016 u t-talbiet tar-rikorrenti huma diretti sabiex it-taxxa hekk mahruga tigi mhassra u terga tigi redatta sabiex tinkludi fiha d-dritt finali tar-rikorrenti Avukat James D'Agostino li hu qed jippretendi ghandu jithallas mill-patrocinati tieghu.

2. Illi l-eccipjenti jissottometti illi t-talbiet attrici odjerni huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti *inter alia* minhabba dawn ir-ragunijiet:

i. Illi l-patrocinati ta' Dr. D'Agostino ma pprezentaw ebda risposta guramentata f'din il-kawza u ghalhekk kienu kontumaci;

ii. Illi huwa notorju illi biex tattakka talbiet imressqa f'rikors guramentat u tippartecipa b'mod shih fil-kontestazzjonijiet ta' dawk it-talbiet trid tipprezenta l-eccezzjonijiet u jithallas id-dritt tar-registru;

iii. Illi hija l-prassi li l-avukat li jippatrocina konvenut kontumaci ma jiehux dritt fil-kawza u dan jitnissel mill-fatt illi 'kwantu ghal kontumacja, mbaghad, hu ferm pacifiku illi ghalkemm il-kontumaci mhux prekluz li jappella u jitratta huwa pero` ma jistax igib provi u xhieda quddiem din il-Qorti kemm il-darba ma jiggustifikax in-nuqqas tieghu' (**Kollez Vol XXXI p I p 139; Vol XLII p I p 517**);

iv. Illi in fatti a differenza mill-Prim Istanza, fis-sede ta' Appell, meta avukat jittratta fl-appell minghajr ma jipprezenta risposta tal-appell jinhareg xorta wahda dritt lilu peress illi fl-appell ma jezistix il-kontumacja.

v. Illi di piu jinghad ukoll illi ai termini tal-Art 28 (ii) Tariffa E tal-Kap 12, meta l-kawza tigi ceduta jew tranzatta wara li l-avukat ikun ipprezenta r-risposta huwa ghandu dritt ta' terz tad-dritt normali. Bl-istess mod jekk l-avukat jirrinunzja ghal patrocinju tal-konvenut l-Art 33 (i) tal-istess tariffa jistabilixxi li huwa jkollu dritt ghal terz tad-dritt relattiv. Minn dawn l-artikoli jemergi illi kwantu ghad-drittijiet dovuti in konnessjoni ma kawzi, il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma jipprospetta ebda dritt li jista jkun dovut lill-avukat antecedent ghall-prezentata ta' risposta jew rikors promutur. In fatti l-istess artikoli jitkellmu biss fuq 'dritt' mill-prezentata ta' risposta jew rikors il-quddiem izda mhux qabel dak l-istadju. Dan ifisser li in mankanza ta' tali atti il-Kodici ta' Procedura ma jipprospetta ebda dritt lill-avukat u kwindi ebda taxxa m'ghandha tinhareg kif mitlub mill-

attur bhala dritt finali tas-sentenza imma biss dritt in konnessjoni mal-atti specifi li jkunu gew intavolati fil-mori fil-kawza u fil-fatt, fil-kaz de quo dak huwa li ghamel l-esponenti.

vi. In liena ma dan ir-ragunament l-esponenti sejjer jirriproduci, ghal konsiderazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, notament mizmum minnu, fost notamenti ohra li gew formolati mal-medda taz-zmien u nghataw lilu minn Registraturi passati ta' dawn il-Qrati fosthom il-mibki Dr. Victor Borg Grech:

**"Id-difensuri ta' konvenuti ma jinghatawx dritt shih jekk ma jkunux ipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet anke jekk ikunu dehru fil-kawza imma jiehdu skond ix-xoghol li jkunu ghamlu (e.g. dritt ghal nota ta' sottomissjonijiet). Jekk id-difensur ikun tratta t-talba tad-dispensa mis-smigh tal-kawza u l-qorti tkun iddecidiet dan il-punt, u nonostante jkun inghata il-fakolta li jipprezenta eccezzjonijiet huwa jibqa' ma jipprezentahomx, allura huwa ghandu jinghata d-dritt ta' punt ta' ligi u ma ghandux id-dritt (ad valorem) fuq it-talba ghal kundanna tal-hlas."**

3. Illi kif jidher mit-taxxa li qed tigi attakkata r-rikorrent inghata dritt ghall-atti li huwa pprezenta f'dik il-kawza;

4. Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda wkoll ghaliex anke jekk ghas-sahha tal-argument it-talba ghar-ritassa tigi milqugha huwa ferm difficli li din is-sentenza taghmel stat fil-konfront tal-partijiet l-ohra nke tal-patrocinati tar-rikorrent stante li dawn ma jiffurmawx parti minn din il-kawza;

5. Illi dan kollu jwassal gha konkluzjoni li t-talbiet tar-rikorrenti kif esposti fir-rikors promotur tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

6. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri."

3. Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Ottubru, 2018 li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

> "tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna lir-Reġistratur intimat sabiex jikkalkula t-taxxa mill-ġdid kif imfisser f'din is-sentenza.
>
> Spejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mir-Reġistratur intimat."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat illi din hija azzjoni għal ritassa. Ir-rikorrent qiegħed jikkontesta t-taxxa maħruġa mir-Reġistratur intimat fil-kawża fl-ismijiet Banif Bank Malta plc vs Cassar & Schembri (Marketing) Limited et deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' April 2016, għaliex ma ġiex intaxxat favur tiegħu d-dritt professjonali. Dan peress li l-intimat jikkontendi li m'għandux jiġi ntaxxat l-ebda dritt professjonali fuq is-sentenza finali favur l-avukat meta l-patroċinat tiegħu jkun kontumaċi.

Id-drittijiet professjonali li għandhom jiġu ntaxxati mill-intimat favur l-avukati, prokuraturi legali u kuraturi huma regolati permezz tat-Tariffa E tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-Tariffa tirregola *inter alia* d-drittijiet professjonali li għandhom jiġu ntaxxati favur l-avukati għall-atti li jiġu ppreżentati kif ukoll dak magħruf bħala 'd-dritt tal-aħħar' fuq is-sentenza finali. It-Tariffa tirregola wkoll id-dritt li għandu jiġi ntaxxat meta kawża ma tkomplix u meta parti f'kawża tibdel l-avukat.

Ir-rikorrent jilmenta li mkien f'din it-Tariffa ma hemm miktub li meta l-patroċinat tiegħu jkun kontumaċi, l-avukat m'għandux jedd għad-dritt professjonali fuq is-sentenza finali. Jikkontendi wkoll li minkejja li fis-sentenza Banif Bank Malta plc vs Cassar & Schembri (Marketing) Limited et il-Qorti kienet iddikjarat illi l-patroċinati tiegħu kienu kontumaċi f'dawk il-proċeduri, effettivament il-konvenuti kollha, inkluż allura l-patroċinati tiegħu, ingħataw l-opportunità li jressqu l-provi tagħhom. Huwa jargumenta allura li strettament il-patroċinati tiegħu ma kienux kontumaċi f'dawk il-proċeduri.

Huwa jqis ukoll illi bħala prinċipju mhuwiex ġust li avukat li jkun ipparteċipa fil-kawża ma jkollux jedd għad-dritt professjonali fuq is-sentenza sempliċiment għaliex il-patroċinat tiegħu jkun kontumaċi.

Ir-Reġistratur intimat iwieġeb billi jgħid li stante li l-konvenut kontumaċi ma jistax iressaq eċċezzjonijiet u provi fil-kawża, favur l-avukat tiegħu m'għandux jiġi ntaxxat id-dritt professjonali fuq is-sentenza finali. Ikompli billi jgħid illi t-Tariffa E tal-Kap. 12 tipprospetta dritt favur l-avukat biss f'każ illi jiġi preżentat rikors promotur jew eċċezzjonijiet għaliex skont hu, il-liġi ma tipprospetta l-ebda dritt lill-avukat qabel il-preżentata tar-rikors promotur jew ir-risposta skont il-każ. L-intimat jikkontendi li għalhekk ikun dovut biss dritt in konnessjoni mal-atti speċifiċi li jiġu preżentati.

Sabiex jissostanzja l-argument tiegħu, l-intimat jagħmel riferenza għan-notamenti ta' reġistratur preċedenti, il-mibki Dottor Victor Borg Grech, fis-sens li d-difensuri ta' konvenuti ma jingħatawx dritt sħiħ jekk ma jkunux ippreżentaw nota ta' eċċezzjonijiet, illum risposta, anke jekk ikunu dehru fil-kawża, imma jigi ntaxxat lilhom dritt għax-xogħol li jkunu għamlu, bħal per eżempju għal nota ta' sottomissjonijiet. Finalment, huwa jikkontendi li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda wkoll għaliex din id-deċiżjoni ma tistax tagħmel stat fil-konfront tal-

partijiet l-oħra tal-kawża li tagħha qiegħda tiġi impunjata t-taxxa stante li mhumiex parti f'dawn il-proċeduri.

Fil-każ fl-ismijiet Speranza Gatt et vs Avukat Dottor Albert Libreri et, tat-18 ta' Frar 2010, intqal hekk dwar din ix-xorta ta' azzjoni:

> "*Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara dispożizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv. Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrattiv li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il-ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss;*
>
> *Illi huwa f'dan id-dawl li jrid jitqies ukoll li r-raġuni biex wieħed jattakka l-ħruġ ta' taxxa trid tkun waħda serja u mhux mibnija biss fuq nuqqas ta' qbil tal-persuna milquta. Huwa għalhekk ukoll li l-liġi tagħti żmien perentorju ta' xahar li fih taxxa bħal dik tista' tkun attakkata. Bħalma jiġri fil-każ ta' sentenzi tal-qrati jew titoli eżekuttivi oħrajn, huwa meħtieġ li tinħoloq iċ-ċertezza u li tali ċertezza ma tkunx tiddependi mill-kapriċċ fieragħ tal-parti milquta jew minn tul indeterminat ta' żmien li jaf ikun ta' ħsara akbar, l-aktar meta wieħed ikun irid jeżegwixxi titolu bħal dak;*
>
> *Illi għalhekk, il-proċedura maħsuba biex wieħed jattakka taxxa ġudizzjarja għandha titqies bħala waħda speċjali li tirnexxi biss fejn u jekk kemm-il darba jintwera li jkun hemm iċ-ċirkostanzi xierqa li jwasslu lill-Qorti biex tordna lir-Reġistratur jerġa' jwettaq sewwa l-funzjoni tiegħu. Għall-kuntrarju ta' sentenza jew degriet, it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji m'hijiex att tal-Qorti, imma att tar-Reġistratur. Bħala tali, l-azzjoni maħsuba biex tattakka taxxa bħal dik tista' titqies bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju fejn il-Qorti tgħarbel il-kriterji mħaddma mir-Reġistratur u tqishom fid-dawl tal-liġi fis-seħħ bla ma tgħaddi hi biex twettaq dik il-funzjoni. Huwa għalhekk li f'każ fejn parti jseħħilha turi raġunijiet tajba biex twaqqa' taxxa ġudizzjarja maħruġa mir-Reġistratur, il-Qorti tagħti ordni lill-istess Reġistratur biex jagħmel dik it-taxxa mill-ġdid.*"

L-artikolu 13 tat-Tariffa *de quo* jirregola d-dritt li għandu jiġi ntaxxat 'ad valorem' fuq is-sentenza finali favur l-avukati tal-partijiet meta l-kawża tkun dwar somma flus. L-artikolu ta' wara jgħid illi meta d-deċiżjoni tkun dwar punt ta' fatt jew ta' liġi imma jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli, id-dritt relattiv għandu jinħadem skont l-artikolu 13, filwaqt illi l-artikolu 15 jistabbilixxi d-dritt li għandu jiġi ntaxxat meta s-sentenza tkun għal kull dikjarazzjoni oħra li jkun fiha deċiżjoni dwar xi punt ta' liġi jew ta' fatt. It-Tariffa ma tgħid xejn dwar id-dritt li għandu jiġi ntaxxat favur id-difensur tal-konvenut kontumaċi.

Din il-Qorti tqis li mhuwiex il-lok li f'dawn il-proċeduri jiġi eżaminat jekk il-patroċinati tar-rikorrent kienux effettivament kontumaċi fil-kawża Banif Bank Malta plc vs Cassar & Schembri (Marketing) Limited et. Il-

kontumaċja tagħhom huwa stat ta' fatt li joħroġ mis-sentenza. Li jrid jiġi indirizzat f'din id-deċiżjoni huwa jekk għandux jiġi ntaxxat dritt 'tal-aħħar' fuq dik is-sentenza favur ir-rikorrent peress illi l-patroċinati tiegħu kienu kontumaċi. Fil-każ ta' Helen Miceli et vs Carmelo Pisani, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Ottubru 2004, intqal hekk dwar l-istitut tal-kontumaċja:

> "*Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi proċedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naħa l-oħra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieaġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is- sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi - bħala element ta' disordni soċjali.*"

Ir-rikorrent jagħmel riferenza għal taxxa oħra ta' kawża deċiża riċentement fejn skont hu, ġie ntaxxat dritt professjonali favur l-avukat maħtur mill-Qorti bħala kuratur deputat minkejja li ma ppreżenta l-ebda eċċezzjonijiet[1]. Madanakollu, din il-Qorti tinnota li kif jispjega r-Reġistratur intimat, f'dak il-każ id-dritt professjonali ġie intaxxat favur l-avukat bħala kuratur tal-attur u allura ċ-ċirkostanzi huma differenti minn dawk tal-lum.

Ir-Reġistratur intimat jispjega li favur ir-rikorrent ma ġiex intaxxat l-imsejjaħ 'dritt tal-aħħar' fuq is-sentenza finali għaliex il-patroċinati tiegħu kienu kontumaċi. Jikkonċedi li l-liġi hija siekta dwar id-dritt professjonali li għandu jiġi ntaxxat favur id-difensur tal-konvenut li jkun kontumaċi u għalhekk, huwa ma jintaxxa l-ebda dritt. Jgħid illi din hija prassi li kienet segwita mill-predeċessuri tiegħu u li baqa' jsegwi hu. Jikkontendi li sabiex parti tikkontesta kawża, dik il-parti trid tkun ippreżentat eċċezzjonijiet u li r-Reġistratur iqis biss jekk ġewx ippreżentati atti għal finijiet ta' intaxxar. Jirriżulta għalhekk illi r-Reġistratur intimat jorbot id-dritt professjonali mal-atti preżentati.

Wara li ħasbet fit-tul dwar il-kwistjoni, din il-Qorti ssib li ma taqbilx mal-argumenti mressqa mill-intimat. Kif sewwa jgħid ir-rikorrent, minn imkien fil-liġi ma jirriżulta li m'għandux jiġi ntaxxat dritt professjonali fuq is-sentenza finali favur l-avukat tal-konvenut kontumaċi. L-intimat irid jimxi mal-liġi mhux mal-prassi tal-predeċessuri tiegħu.

L-intimat jikkontendi li l-Kap. 12 jipprospetta d-dritt relattiv biss minn meta jiġu preżentati atti. Huwa jagħmel riferenza għall-artikoli 28 u 33 tat-Tariffa E li jipprospettaw dritt professjonali meta kawża ma tkomplix u meta l-klijent jibdel l-avukat, biss wara li jiġu intavolati r-rikors jew ir-risposta. Madanakollu, din il-Qorti tqis illi, fejn il-liġi riedet tispeċifika li d-dritt professjonali jkun dovut lill-avukat biss wara li tiġi

[1] Din kienet kawża b'kontro-talba.

preżentata r-risposta, dan speċifikatu bi kliem ċar, filwaqt illi dwar id-dritt dovut lill-avukat tal-konvenut kontumaċi ma tgħid xejn minn dan. Dan qiegħed jingħad abbażi tal-prinċipju *quod lex voluit lex dixit*. Ma hemm xejn fit-Tariffa li tagħmel id-distinzjoni li jagħmel l-intimat. L-artikolu 13 tat-Tariffa jitkellem biss dwar 'sentenza definittiva' mingħajr ma jagħmel l-ebda distinzjoni jew limitazzjoni fuq id-difensur tal-konvenut kontumaċi u allura japplika wkoll il-prinċipju legali *quod lex non distinguit nec nos distinguere debemus*.

Fil-kawza riċenti fl-ismijiet Avukat Dottor Anthony Cutajar et vs Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et tat-2 ta' Marzu 2018, il-Qorti tal-Appell irriteniet:

> "*Tabilhaqq il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u ghalhekk, jekk provvediment tal-ligi jippreskrivi certu regoli, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita*."

Din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-argument tal-intimat illi l-kontumaċja mhijiex meqjusa bħala kontestazzjoni stante li ma ġew preżentati l-ebda eċċezzjonijiet. Huwa magħruf u stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li l-kontumaċja mhijiex meqjusa bħala ammissjoni iżda bħala kontestazzjoni tant li minkejja li l-konvenut kontumaċi ma jistax jippreżenta eċċezzjonijiet u lanqas iressaq provi, xorta għandu jingħata l-fakoltà jagħmel is-sottomissjonijet tiegħu qabel ma tingħata s-sentenza.

Din il-Qorti allura ma taqbilx illi l-liġi tipprospetta d-dritt tal-aħħar biss f'każ illi jiġu preżentati l-eċċezzjoniijet. Għaldaqstant, ir-rikorrent għandu raġun jilmenta li t-taxxa in kwistjoni hija żbaljata u għalhekk għandha tiġi aġġustata b'dan illi favur ir-rikorrent għandu jiġi ntaxxat id-dritt professjonali fuq is-sentenza finali.

Riferibbilment għall-aħħar eċċezzjoni tal-intimat, il-Qorti ma tqisx li kien hemm bżonn li r-rikorrent iħarrek lil ħaddieħor fl-azzjoni tal-lum. Kif sewwa qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet L-Avukat Franco B. Vassallo vs Reġistratur (Qrati Ċivili u Tribunali) tas-27 ta' Ottubru 2015:

> "*Illi in effetti l-interess riskontrat f'din il-procedura hu limitat ghall-kontendenti odjerni billi r-relazzjoni konkretizzata bil-hrug tat-taxxa de quo iddelineat relazzjoni unika u diretta bejn ir-registratur li hareg it-taxxa u r-rikorrenti li kienu kolpiti bl-effetti ta' l-istess;*
>
> *Illi l-kawza odjerna hi ilment tar-rikorrenti fir-rigward tat-taxxa lilhom mahruga mir-registratur intimat, u l-partijiet l-ohra involuti fil-kawza minnu intaxxata m'ghandhom l-ebda interess fir-rigward u allura, ma jista` jkollhom l-ebda vuci in kapitolu."*

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

> "joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka *in toto* s-sentenza appellata u dana billi filwaqt li tichad it-talbiet kollha attrici, tilqa' *in toto* l-eccezzjonijiet tal-appellant Registratur Qrati Civili u Tribunali.
>
> Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellat."

6. Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

> "ghandha tichad l-aggravji kollha tal-konvenut appellant, bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri kontra tieghu".

7. Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

9. Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob ritassa tad-drittijiet tieghu fil-kawza "Banif Bank (Malta) plc v. Cassar & Schembri (Marketing) Ltd. et" fejn hu kien qed jirrapprezenta lil uhud mill-kumpaniji konvenuti. Quddiem il-Qorti f'dik il-kawza, l-attur, ghan-nom tad-diversi kumpaniji li kien qed jirrapprezenta, kien jidher regolarment u kien anke nghata l-fakolta` jressaq provi, ghalkemm eventwalment iddikjara li l-kumpaniji minnu patrocinati m'ghandhomx provi xi jressqu. Dawn il-kumpaniji ma ressqux

risposta bl-eccezzjonijiet ghat-talba attrici, u l-konvenut, ghalhekk, qieshom kontumaci u meta ntaxxa l-kawza ma harigx dritt tal-avukat attur.

10. L-ewwel Qorti osservat illi l-attur, fil-verita`, ippartecipa b'mod attiv fil-kawza fuq imsemmija u ddecidiet li d-dritt tieghu kellu jigi ntaxxat, avolja ma ppartecipax b'mod formali *tramite* risposta pprezentata kif imiss.

11. Minn din is-sentenza appella l-konvenut li baqa' jinsisti li l-klijenti tal-attur waqghu kontumaci fl-imsemmija kawza u ghalhekk ebda dritt ma jista' jigi ntaxxat fil-konfront taghhom.

12. Trattat l-appell, din il-Qorti tara li ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenut. Mill-atti tal-kawza l-ohra jirrizulta li kienu biss l-intimati Alfreda Schembri u Mario Schembri li gew dikjarati li baqghu kontumaci, u dan waqt l-udjenza tal-21 ta' Jannar, 2016. Ma saret ebda dikjarazzjoni f'dan is-sens fil-konfront tal-kumpaniji rapprezentati mill-attur.

13. Fl-udjenza tal-21 ta' April, 2016, il-bank attur f'dik il-kawza ddikjara li m'ghandux provi ohra xi jressaq, u l-Qorti halliet il-kawza ghall-provi tal-konvenuti – avolja whud minn dawn ma kinux ressqu risposta formali. Fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2016, l-avukat attur iddikjara illi l-kumpaniji minnu patrocinati m'ghandhomx provi xi jressqu. Fit-30 ta' Gunju, 2016,

l-avukati prezenti fl-awla, inkluz l-attur, ittrattaw il-kawza li baqghet differita ghas-sentenza li nghatat fl-20 ta' Ottubru, 2016.

14. Mill-premess jidher car li, ghalkemm l-attur ghan-nom tal-patrocinati tieghu, ma ressaqx risposta formali f'dik il-kawza, mhux talli l-klijenti tieghu ma gewx dikjarati kontumaci, pero`, huwa thalla jippartecipa fil-kawza daqs li kieku kien formalment parti mill-istess. Kwindi tara li ghamlet sew l-ewwel Qorti f'din il-kawza li qieset li l-attur ghandu dritt li jigi ntaxxat id-drittijiet tieghu fil-kawza l-ohra. Huwa ppartecipa daqslikieku kien qed jirrapprezenta lill-partijiet li kienu formalment dahlu fil-kawza, u ma hux gust li avukat li jkun ha parti attiva f'kawza ma jihux id-dritt tieghu ghax hadd ma nduna li dan l-avukat ma kienx ressaq risposta formali.

15. Dan mhux kaz ta' difensur li qed jitlob drittijiet ta' konvenut li baqa' kontumaci f'kawza u ma deherx jew ha interess fil-procediment tal-istess kawza. Hi x'inhi l-prassi tal-konvenut, dejjem irid jittiehed kont ta' dak li jkun effettivament sehh fil-kawza partikolari. Jekk jirrizulta, bhalma gara f'dan il-kaz, li parti tithalla tippartecipa fiha b'mod attiv, l-avukat ta' dik il-parti ghandu dritt ghad-drittijiet tieghu, anke jekk jirrizulta xi nuqqas formali fil-proceduri. Hu veru li l-ligi tipprospetta dritt biss meta jigu pprezentati atti, pero`, ma teskludix dritt f'cirkostanzi ohra, bhal meta parti tippartecipa f'kawza daqs li kieku pprezentat att, li pero`, ma jkunx gie fil-fatt ipprezentat. Kollox jiddependi mic-cirkostanzi ta' kull kaz, u meta

johrog taxxa, il-konvenut m'ghandux jagixxi qisu *robot*, izda skont ma jirrizultalu li effettivament ikun sehh fil-kawza.

16. Fir-rigward tal-eccezzjonijiet li kellhom jiddahhlu f'din il-kawza l-partijiet kollha li kienu parti fil-kawza l-ohra, din il-Qorti tirrileva li proprjament hekk kellu jsir, ghax taxxa tad-drittijiet f'kawza tinteressa lill-partijiet kollha fl-istess. F'dan il-kaz, pero`, l-interess principali huwa tal-attur in relazzjoni mat-taxxa li hareg il-konvenut, ghalkemm hu ovvju li, kif jirrimarka l-konvenut, din is-sentenza ma taghmilx stat fil-konfront tal-partijiet li ma jiffurmawx parti minn din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut Registratur Qrati Civili u Tribunali billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, b'dan li l-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jibqghu, minhabba l-mod kif graw l-affarijiet, bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr